# ITTRA TAL-PAPA FRANĠISKU FL-OKKAŻJONI TAT-800 SENA TA’ PREŻENZA FRANĠISKANA FL-ART IMQADDSA



***Lir-Reverendissimu Patri Francesco Patton OFM, Kustodju tal-Art Imqaddsa***

Sirt naf bil-ferħ li din il-Kustodja, fl-okkażjoni tat-800 sena ta’ preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, riedet tiċċelebra din ir-rikorrenza importanti u hienja b’ħafna inizjattivi reliġjużi, pastorali u kulturali, kollha orjentati għar-riskoperta tal-kontribut uniku u ta’ min ifaħħru tal-“patrijiet tal-ħabel” – kif laqqmuhom in-nies – fil-postijiet li fihom l-Iben ta’ Alla sar bniedem u ġie jgħammar fostna (cfr. Ġw 1,14). F’din l-okkażjoni jiena bil-ferħ kollu aċċettajt li nibgħat tislija speċjali lilek u lill-patrijiet kollha, li hemmhekk għadhom iżommu ħajja x-xhieda Kristjana, jistudjaw l-Iskrittura u jilqgħu l-pellegrini.


Patri Francesco Patton

Il-Missier Serafiku Franġisku, fil-Kapitlu ta' Pentekoste ta' Mejju 1217, fetaħ l-Ordni għad-dimensjoni "missjunarja u universali", billi bagħat lill-patrijiet tiegħu fil-ġnus kollha bħala xhieda ta' fidi, ta' fraternità u ta' paċi u hekk inħolqot il-Provinċja tal-Art Imqaddsa, li fil-bidu kienet tissejjaħ ta' *Oltremare* jew tas-Sirja. Dan it-twessigħ tal-orizzonti ta' evanġelizzazzjoni kien il-bidu ta' avventura straordinarja, li wasslet tmien sekli ilu l-ewwel patrijiet Minuri biex jisbarkaw f'Akri, fejn fil-11 ta' Ġunju li għadda intom tajtu bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji, billi ġeddidtu l-għaqda tagħkom ma' Kristu, fil-fedeltà lejn il-Vanġelu u lejn il-Knisja.

Mogħtija għall-kontemplazzjoni u għat-talb, sempliċi u foqra, ubbidjenti għall-Isqof ta' Ruma, intom timpenjaw irwieħkom ukoll fil-preżent biex tgħixu fl-Art Imqaddsa flimkien mal-aħwa ta' diversi kulturi, etniji u reliġjonijiet, filwaqt li tiżirgħu l-paċi, il-fraternità u r-rispett.

Kulħadd jaf bid-disponibilità tagħkom li takkumpanjaw il-passi tal-pellegrini li jiġu mill-partijiet kollha tad-dinja billi tilqgħuhom u tiggwidawhom. Intom iddedikajtu rwieħkom għall-istudju attent tal-Kotba Mqaddsa, billi tgħożżu l-affermazzjoni ċelebri ta' San Ġilormu, li għal diversi snin kien irtirat f'Betleħem: "L-injuranza tal-Kotba Mqaddsa hi injuranza ta' Kristu nnifsu" (*Kummentarju tal-Prologu ta' Isaija*: PL 24,17).

Ma rridx ninsa wkoll, u fuq kollox, li barra mill-Kustodja u l-animazzjoni tas-Santwarji, l-impenn tagħkom hu wkoll għas-servizz tal-Komunità ekkleżjali lokali. Jiena ninkuraġġikom biex tipperseveraw ferħanin biex tkomplu twieżnu lil dawn ħutna, l-aktar lil dawk fosthom li huma foqra u l-aktar dgħajfin; fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ – li ta' spiss jirriskjaw li jitilfu t-tama f'kuntest li fih għad ma hemmx paċi - filli tilqgħu lill-anzjani u fil-kura tal-morda, filwaqt li tgħixu b'mod konkret u ta' kuljum l-għemejjel ta' ħniena.

Ningħaqad mal-Predeċessuri meqjumin tiegħi, sa minn Klement VI, li bil-Bulla *Gratias agimus* fdalkom il-Kustodja tal-Postijiet Qaddisa, u nixtieq inġedded dan il-mandat, filwaqt li ninkuraġġikom li tkunu xhieda ferrieħa tal-Irxuxtat fl-Art Imqaddsa.

Intom ambaxxaturi tal-Poplu kollu ta' Alla, li bil-liberalità dejjem sostniekom, speċjalment permezz tal-"Ġabra tal-Art Imqaddsa", li tikkontribwixxi biex fl-Art ta' Ġesù l-fidi tidher b'mod ċar permezz tal-opri. B'mod speċjali ssostnikom, f'isem is-Suċċessur ta' Pietru, l-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali, li f'dawn l-istess ġranet qed tiċċelebra ċ-ċentenarju tagħha.

Fl-aħħarnett nixtieq infakkarkom fil-kliem tal-Fundatur tagħkom: "Nagħti wkoll il-fehma tiegħi, inwiddeb u nħeġġeġ lill-aħwa tiegħi f'isem il-Mulej Ġesù Kristu li, meta joħorġu fid-dinja, ma jitlewmux lanqas iħaqquha bejniethom, lanqas ma għandhom jiġġudikaw lill-oħrajn; imma għandhom ikunu ta' qalb tajba, iħobbu s-sliem u rżina, ġwejda u umli, jitħaddtu meqsjus ma' kulħadd kif jixraq (*Regola bollata*, 3,10-11).

Nafda l-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kull waħda mill-komunitajiet tagħha, u l-patrijiet kollha lill-protezzjoni materna tal-Verġni Marija u, filwaqt li nitlob l-interċessjoni tal-patrun qaddis tagħkom Antnin ta' Padova, nagħtikom bil-qalb kollha l-Barka Apostolika.

**Mill-Vatikan,**
**17 ta' Ottubru 2017**

**Francesco**